**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' April, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 972/2004 AF**

**Rita mart Vincent Caruana**

**Victoria mart Francis Azzopardi**

**u**

**Carmelo Vassallo**

**vs**

**Giovanna mart Pawlu Attard**

**u**

**Domenica mart Michael Caruana**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni tal-atturi li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Fl-ghoxrin (20) ta' Jannar 1989 miet Joseph Vassallo, u fil-hamsa (5) ta' Mejju 2002 mietet Giuseppa armla minn Joseph Vassallo, missier u omm il-kontendenti.

L-imsemmija Giuseppa Vassallo ghamlet testment unica charta flimkien ma' zewgha Joseph Vassallo fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat ghaxra (10) ta' Novembru 1987 (Dok. A) u sussegwentement Giuseppa Vassallo ghamlet testment iehor addizzjonali fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono tat-tmintax (18) ta' Jannar 2001 (Dok. B).

Permezz ta' dan l-ahhar testment l-imsemmija Giuseppa Vassallo nnominat bhala eredi universali taghha lil hamest uliedha, il-kontendenti odjerni.

Il-konvenuta Giovanna Attard ghandha fil-pussess taghha somma flus ammontanti ghal circa tletin elf Lira Maltin (Lm30,000) li kienu l-flus migmugha tal-imsemmija Giuseppa Vassallo.

Il-konvenuta Giovanna Attard qeghda tirrifjuta illi taqsam din is-somma flus ma' hutha l-atturi.

L-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tillikwida l-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-imsemmija Joseph u Giuseppa konjugi Vassallo, kif ukoll l-assi partikolari taghhom billi jigu dikjarati li jikkonsistu fil-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Tikkundanna lill-konvenuta Giovanna Attard tirritorna l-flus fil-pussess taghha formanti parti mill-wirt tal-konjugi Vassallo biex dawn jifformaw parti mill-assi ereditarji, u

fin-nuqqas, tordna lill-konvenuta Giovanna Attard taghmel tajjeb ghal tali nuqqas.

3. Taqsam il-beni formanti parti mill-wirt f'hames kwoti u porzjonijiet ugwali.

4. Tassenja porzjoni kull wiehed u wahda mill-kontendenti.

5. Tinnomina perit legali u okkorrendo perit arkitett biex jaghmlu pjan ta' qasma u nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att relattiv.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti, li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attriċi Rita Caruana li bil-ġurament tagħha kkonfermat illi:

Fl-ghoxrin (20) ta' Jannar 1989 miet Joseph Vassallo, u fil-hamsa (5) ta' Mejju 2002 mietet Giuseppa armla minn Joseph Vassallo, missier u omm il-kontendenti.

L-imsemmija Giuseppa Vassallo ghamlet testment unica charta flimkien ma' zewgha Joseph Vassallo fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat ghaxra (10) ta' Novembru 1987 (Dok. A) u sussegwentement Giuseppa Vassallo ghamlet testment iehor addizzjonali fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono tat-tmintax (18) ta' Jannar 2001 (Dok. B).

Permezz ta' dan l-ahhar testment l-imsemmija Giuseppa Vassallo nnominat bhala eredi universali taghha lil hamest uliedha, il-kontendenti odjerni.

Il-konvenuta Giovanna Attard ghandha fil-pussess taghha somma flus ammontanti ghal circa tletin elf Lira Maltin (Lm30,000) li kienu l-flus migmugha tal-imsemmija Giuseppa Vassallo.

Il-konvenuta Giovanna Attard qeghda tirrifjuta illi taqsam din is-somma flus ma' hutha l-atturi.

L-esponenta u l-atturi l-ohra ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni.

Ghalhekk, l-esponenti flimkien mal-atturi l-ohra, ghamlu din ic-citazzjoni sabiex jigu likwidati l-assi ereditarji tat-testaturi konjugi Vassallo u sussegwentement issir id-divizjoni relattiva.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

Fir-rigward tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba' u tal-hames talbiet attrici, ma hemmx opposizzjoni ghall-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni tal-assi ereditarji ta' Joseph u Giuseppa konjugi Vassallo, genituri tal-kontendenti, skond id-disposizzjonijiet testamentarji taghhom, purché tigi tassew u tabilhaqq verifikata u determinata l-konsistenza tal-imsemmija assi ereditarji.

Fir-rigward tat-tieni talba tal-atturi din ghandha tkun respinta kollha kemm hi kif dedotta ghax hija infondata stante li fil-pussess tal-eccipjenti Giovanna Attard ma hemmx flus li jappartjenu lill-assi ereditarji tal-genituri taghha.

Fi kwalunke kaz, l-eccipjenti m'ghandhomx ibatu spejjez tal-odjerni proceduri.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti li bil-ġurament tagħhom ikkonfermaw illi:

Il-kontenut tal-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi huwa kontestat limitatament dwar il-fatt li d-data tal-mewt ta' Joseph Vassallo kienet l-20 ta' Frar 1989 u mhux l-20 ta' Jannar 1989.

Il-kontenut tat-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi mhux kontestat.

Il-kontenut tat-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi huwa kontestat ghax manifestament zbaljat kif jirrizulta car mid-Dok. A u Dok. B esebiti mill-atturi stess. Il-hames kontendenti ahwa Vassallo kienu nominati eredi universali tal-genituri taghhom bis-sahha tat-testment unica charta tal-istess genituri tal-10 ta' Novembru 1987. Il-hatra bhal eredi universali tal-istess kontendenti kienet konfermata bit-testment ta' ommhom Giuseppa Vassallo tat-18 ta' Jannar 2001.

Il-kontenut tar-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi huwa kontestat bl-aktar mod kategoriku. Fil-pussess taghha l-esponenti Giovanna Attard qatt ma kellha flus ammontanti ghal madwar tletin elf Lira (Lm30,000) li l-atturi erroneament jallegaw li kienu jappartjenu lil ommhom Giuseppa Vassallo. Meta mietet Giuseppa Vassallo l-esponenti kellha fil-pussess taghha somma ta' ftit aktar minn dsatax-il elf u hames mitt Lira (Lm19,500) li kienet tappartjeni esklussivament lil oht il-kontendenti Antonia Vassallo li kienet u ghadha ddur biha u tiehu hsiebha l-istess Giovanna Attard. Ghalhekk il-pretensjoni attrici hija kontestata.

Il-kontenut tal-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi huwa kontestat ghaliex fil-wirt ta' Giuseppa Vassallo ma kien hemm qatt flus kontanti fl-ammont indikat mill-atturi li jallegaw erroneament li insabu ghand l-esponenti Giovanna Attard.

Dwar il-kontenut tas-sitt u seba' paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici, l-esponenti jghidu li minn naha taghhom ma hemmx opposizzjoni ghall-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni tal-assi ereditarji tal-genituri taghhom skond id-disposizzjonijiet testamentarji taghhom purché tigi tassew u tabilhaqq verifikata u determinata l-konsistenza tal-istess assi ereditarji.

Ghalhekk din il-kawza saret inutilment u fic-cirkostanzi l-esponenti m'ghandhomx ibatu spejjez gudizzjarji.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-assistent ġudizzjarju.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża dwar qsim ta' wirt. Il-kontenzjoni prinċipali bejn il-partijiet hija dwar somma flus li skont l-atturi kienet tappartjeni lill-ommhom id-defunta Giuseppa Vassallo u li l-konvenuta Giovanna Attard ma tridx taqsam mal-kontendenti l-oħra fil-kawża għaliex tgħid li dawn il-flus ma kienux ta' omm il-kontendenti xejn iżda jappartjenu lill-oħthom Antonia Vassallo li ilha tipperċepixxi benefiċċji soċjali sa mill-1974.

Fil-fatt, il-konvenuti jeċċepixxu li filwaqt illi huma ma jopponux għall-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-assi ereditari tal-ġenituri tagħhom, jiċħdu li fil-pussess tal-konvenuta Giovanna Attard hemm xi flus li jappartjenu lill-assi ereditarju tal-ġenituri tagħhom.

Mill-provi prodotti jirriżulta li omm u missier il-kontendenti, d-defunti Joseph u Giuseppa Vassallo, kienu għamlu testment unica charta fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri datat 10 ta' Novembru 1987 li permezz tiegħu nnominaw bħala eredi universali tagħhom lil uliedhom, il-ħames kontendenti f'din il-kawża, bl-obbligu li jmantnu bejniethom lil oħthom l-oħra Antonia Vassallo li hija persuna b'diżabilità. It-testaturi ordnaw ukoll illi l-ħanut 'Kuka Bar' ta' 48, St John Street, Naxxar, jinkera lil Paul Attard, ir-raġel ta' binthom il-konvenuta Giovanna Attard bil-kundizzjonijiet hemm stipulati. Id-defunta Giuseppa Vassallo imbagħad għamlet testment addizzjonali fl-atti tan-Nutar Joseph Debono fit-18 ta' Jannar 2001 li permezz tiegħu ħalliet b'titolu ta' legat lil Jeffrey Attard, bin Paul u l-konvenuta Giovanna Attard, id-dritt ta' użu tal-fond bin-numru 48, St John Street, Naxxar, u fil-bqija kkonfermat il-kontentut tat-testment preċedenti. Joseph Vassallo miet fl-20 ta' Frar 1989 filwaqt li Giuseppa Vassallo mietet fil-5 ta' Mejju 2002.

L-assi immobbli tad-defunti konjuġi Vassallo kienu jikkonsistu fis-segwenti:

i. Il-ħanut li jismu 'Kuka Bar', numru 10, ġja 48, Triq San Ġwann, in-Naxxar;

ii. Id-dar bin-numru 39, ġja 20, Triq San Ġwann, Naxxar, mikri lill-attriċi Rita Caruana u żewġha.

Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, din il-proprjetà ser titqies illi kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi Joseph u Giuseppa Vassallo.

Giuseppa Vassallo kienet tgħix mal-konvenuta Giovanna Attard. L-attriċi Rita Caruana tinsisti li nofs l-għamara li hemm fid-dar fejn kienu jgħixu u fejn għadha tgħix Giovanna Attard sal-lum, u ċioè d-dar bin-numru 18, Triq Santa Luċija, Naxxar, kienet xtratha Giuseppa Vassallo. Madanakollu, l-atturi ma ressqu l-ebda prova dwar dan u lanqas ta' fhiex jikkonsistu dawn il-mobbli li jgħidu li kienet xtrat Giuseppa Vassallo minn flusha.

Mill-provi rriżulta li l-ġenituri tal-kontendenti kienu jiġġestixxu diversi negozji maż-żmien. Sa meta mietet, Giuseppa Vassallo kienet tiġġestixxi l-ħanut tax-xorb bl-isem ta' 'Kuka Bar' ġewwa n-Naxxar. Mhuwiex kontestat illi minn dawn in-negozji Giuseppa Vassallo kienet tagħmel qliegħ tajjeb. Irriżulta wkoll illi Giuseppa Vassallo kienet mara bil-għaqal li kienet tibża' għall-flus iżda fl-istess waqt kienet ġeneruża ħafna kemm mal-familjari tagħha kif ukoll mal-barranin in kwantu li kienet tislef mingħajr imgħax lil dawk li kienu fil-bżonn.

L-atturi jinsistu li meta mietet ommhom, hija ħalliet warajha somma flus li kienet tlaħħaq mal-Lm30,000, liema flus kienet iżżommhom moħbija fid-dar fejn kienet tgħix mal-konvenuta Giovanna Attard.

L-attriċi Rita Caruana tgħid illi s-somma li kienet faddlet ommha tul ħajjitha tammonta għal Lm30,000 imma ma tispjegax kif waslet għal din il-figura. Tgħid biss li ommha kienet qaltilha li kellha Lm30,000 merfugħin id-dar. L-attriċi Victoria Azzopardi wkoll tgħid li ommha kienet qaltilha li kellha Lm30,000 mfaddla d-dar. L-attur Carmelo Vassallo jispjega li kien huwa stess illi kien waħħal *safe* fid-dar fejn kienet tgħix ommu kif ukoll illi ommu kienet taħbi l-flus f'toqba fil-ħajt.

Skont l-attur, Giovanna Attard kienet qaltlu li kien hemm madwar Lm30,000 moħbija d-dar li kienu l-flus li ħalliet ommhom.

Li Giuseppa Vassallo kienet iżżomm il-flus moħbija id-dar ma jidhirx li huwa kontestat, kif lanqas ma huwa kontestat li Giuseppa Vassallo ma kienitx tkun trid tiddepożita l-flus il-bank għaliex kienet tgħid li tibża li bintha Antonia ma tibqax eliġibbli għall-benefiċċji soċjali.

Madanakollu, filwaqt illi l-atturi jinsistu li ommhom ħalliet warajha l-imsemmija somma flus li hija kienet faddlet matul ħajjitha mill-qliegħ tan-negozji li kellha, il-konvenuta Giovanna Attard tiċħad li kien għad baqa' xi flus t'ommha wara li tnaqqsu l-ispejjeż tal-funeral u li bil-ftit li kien għad baqa' kienet ħallset biex jiġi ċelebrat xahar quddies għal ruħha kif proprju ordnat li jsir Giuseppa Vassallo fit-testment tagħha. Skont l-istess konvenuta, il-flus li hija kienet sabet id-dar wara l-mewt ta' Giuseppa Vassallo kienu l-flus li din tal-aħħar kienet tfaddal mill-benefiċċji soċjali li tipperċepixxi oħt il-kontendenti Antonia Vassallo, liema somma tammonta għall-madwar Lm19,500.

Il-konvenuta Domenica Caruana biddlet il-verżjoni tagħha tmien snin wara li ġiet intavolata l-kawża. Jirriżulta li hija kienet għamlet żewġ affidavit, it-tnejn preżentati fl-atti tal-kawża. Fl-ewwel wieħed li għamlet fl-2007 hija qalet illi ma kienx minnu li ommha faddlet Lm30,000. Imbagħad, fl-affidavit li għamlet fl-2013, hija tbiegħdet mill-verżjoni preċedenti u minflok qalet li kienet rat b'għajnejha lill-konvenuta Giovanna Attard toħroġ Lm19,500 fi flus kontanti mis-*safe* t'ommhom u li huma marru l-bank flimkien sabiex Lm5,000 minnhom ġew depożitati f'isimha u l-kumplament f'isem ulied Giovanna Attard. Tkompli billi tgħid li għalkemm Giovanna Attard kienet qaltilha li dawn il-flus kienu ta' oħthom Antonia, maż-żmien, ma baqgħetx temminha.

Dwar il-flus li ġew depożitati l-bank, mill-atti jirriżulta s-segwenti:

- Giovanna Attard fetħet kont mal-BOV fit-23 ta' Ottubru 2002 fejn ġiet depożitata s-somma ta' Lm3000. Dawn inġibdu fit-23 ta' Ottubru 2004;

- Giovanna Attard u Domenica Caruana fetħu kont kull wieħed mal-BOV fil-25 ta' Marzu 2004. F'kull kont huma ddepożitaw Lm9,500. Skont Domenica Caruana, il-flus li ġew depożitati f'isimha hija kienet ġibdithom fuq talba ta' Giovanna Attard;

- Giovanna Attard fetħet kont ieħor fis-26 ta' Settembru 2004 u ddepożitat is-somma ta' Lm131.97;

- Fil-31 ta' Awissu 2007 ġew depożitati Lm5000 mal-HSBC f'isem Domenica Caruana. Domenica Caruana tgħid illi ġibdet Lm1000 minnhom fuq talba ta' Giovanna Attard sabiex din tal-aħħar tkun tista' tħallas l-ispejjeż tal-Qorti u llum-il ġurnata għad fadal €9,640 depożitati f'dan il-kont.

Skont ir-rendikont imħejji mir-rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, sal-5 ta' Mejju 2002, u ċioè sa meta mietet Giuseppa Vassallo, Antonia Vassallo kienet ipperċepiet €66,494.92 f'benefiċċji soċjali.

Din il-kawza tistrieħ prinċipalment fuq il-kredibiltà tax-xhieda u fuq l-apprezzament illi din il-Qorti trid tagħmel principalment fuq id-deposizzjonijiet tagħhom. Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq, deciza fit-30 t'Ottubru 2003:

> *"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Għax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirrizulta mingħajr ma tħalli*

*dubju ragjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"*'.

Il-konflitt tal-provi huma ħaga li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha tezamina jekk xi waħda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verzjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanc ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawzi civili huma generalment sufficjenti għall-konvinciment tal-gudikant (Farrugia vs Farrugia, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 1966).

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti tqis illi l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw għas-sodisfazzjon tagħha li Giuseppa Vassallo kellha mfaddla s-somma ta' Lm30,000. Dawn il-flus ħadd mill-atturi ma rahom u filwaqt illi din il-Qorti m'għandhiex l-iċken dubju li Giuseppa Vassallo kienet tfaddal il-flus mill-qliegħ tan-negozju, prova li din is-somma mfaddla kienet ta' Lm30,000 sad-data tal-mewt tagħha, l-atturi ma ġabux.

Dwar il-flus li ddepożitaw il-bank il-konvenuti, meta wieħed iqis il-kronoloġija ta' kemm u meta ġew depożitati u miġbuda l-flus, jirriżulta li effettivament ma ġewx depożitati aktar minn Lm19,000 u ċioè dawk iż-żewġ somom li ġew depożitati dak inhar tal-25 ta' Marzu 2004. Mill-atti ma tirriżulta l-ebda prova li ġew depożitati xi flus f'isem ulied Giovanna Attard.

Li dawn il-flus huma ta' Antonia Vassallo, li tul ħajjitha għexet fuq il-benefiċċji soċjali biss, huwa inverosimili. Minn naħa l-oħra, ġie muri li Giuseppa Vassallo kienet tagħmel qliegħ tajjeb minn negozji li kienet tiġġestixxi. Il-Qorti ma temminx illi minn dawn il-flus kollha meta mietet kull ma kien għad baqa' kien biżżejjed biss sabiex jitħallas il-funeral u xahar quddies, kif lanqas ma temmen li Giovanna Attard ma għaddietx il-flus wara l-mewt t'ommha. Il-verżjoni tal-konvenuta Giovanna Attard mhijiex kredibbli u li kieku ma kellhiex x'taħbi, kienet

tibgħat għal ħutha sabiex jgħoddu l-flus flimkien. Fuq kollox, li kieku l-flus kienu ta' Antonia Vassallo, il-konvenuti ma kienux jaraw kif jagħmlu sabiex il-flus jiddepożitawhom f'isimhom.

Huwa meqjus bla bażi l-argument li ħadd mill-partijiet ma għamel referenza għal xi flus kontanti fid-denunzja tal-assi ta' Giuseppa Vassallo għax huwa magħruf li fid-denunzja ma jiġux dikjarati flus.

Għaldaqstant, is-somma komplessiva ta' Lm19,500, flimkien ma kwalunkwe imgħax li seta' ddekorra fuq il-flus depożitati f'isem il-konvenuti għandha tintradd lura sabiex titqiegħed lura u tifforma parti mill-eredità ta' Giuseppa Vassallo.

Jibqa' għalhekk li jiġu deċiżi t-tielet, raba' u ħames talbiet. Fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2006 ġie vverbalizzat li l-ħanut bin-numru 10, St John Street, Naxxar, ċertament mhuwiex komodament diviżibbli u li fir-rigward tad-dar bin-numru 39 fl-istess triq, jeħtieġ li jiġi inkarigat xi ħadd tekniku sabiex jistabbilixxi dan. Il-Qorti sejra għalhekk tiddiferixxi l-kawża sabiex jiġi mahtur perit tekniku li għandu jirrelata dwar it-tielet talba u b'hekk ikunu jistgħu jiġu deċiżi l-aħħar tlett talbiet tal-atturi.

Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti;

2. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida l-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn Joseph u Giuseppa konjuġi Vassallo billi tiddikjara li dawn jikkonsistu fil-ħanut bin-numru 10, Triq San Ġwann, Naxxar, u d-dar bin-numru 39, Triq San Ġwann, Naxxar. In kwantu li ma ġiex muri li l-flus kontanti li kienu jinsabu fid-dar 39, Triq San Ġwann, Naxxar, jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti tiddikjara li din is-somma ta' dsatax-il elf Lira Maltin (Lm19,000), illum erba' u erbghin elf mitejn u tmienja u hamsin Ewro u disa' centezmi (€44,258.09) tappartjeni lill-eredità ta' Giuseppa Vassallo biss;

3. Tilqa’ t-tielet talba limitatament billi tordna lill-konvenuta Giovanna Attard trodd lura s-somma ta’ erba’ u tletin elf sitt mija u tmintax-il Ewro u disa’ centezmi (€34,618.09) u lill-konvenuta Domenica Caruana trodd lura s-somma ta’ disat’elef sitt mija u erbghin Ewro (€9,640) li jinsabu depożitati f’isimha. Il-konvenuti għandhom iroddu lura wkoll kwalunkwe imgħax li seta’ ddekorra fuq il-flus depożitati mal-banek;

4. Tiddiferixxi s-smigħ tal-kawża għall-kontinwazzjoni dwar it-tielet, raba’ u ħames talbiet attriċi.

L-ispejjeż tad-deċiżjoni tal-lum għandhom ikunu a karigu tal-konvenuta Giovanna Attard.

IMHALLEF

DEP/REG